# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tlieta, 10 ta' Mejju 2022**

**Talba Nru: 242/2021 JG**
**Numru fuq il-lista: 1**

**Mapfre Middlesea p.l.c. (C5553) u Laferla Insurance Agency Limited (C14529)**

**Vs**

**William Spiteri**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-23 ta' Awwissu 2021, permezz ta' liema, s-soċjetajiet atturi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallashom s-somma ta' elf, mitejn u disgħa u tletin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€1,239.25c) rappreżentanti ħlas li sar bi żball u dan kif aħjar deskritt fl-istess Avviż[1]. Intalbu wkoll l-ispejjeż tal-proċeduri, dawk ta' ittra uffiċjali numru 776/2021 u l-imgħax;

Ra d-dokumenti anness mal-istess Avviż[2];

[1] A fol 1 *et seq.*
[2] Bejn fol 2 u fol 5 tal-proċess.

Ra lill-konvenut, debitament notifikat[3], naqas milli kemm jirreġistra dehra f'dawn il-proċeduri u milli jressaq risposta formali. B'hekk ġiet dikjarata li waqa' fi stat ta' kontumaċja[4];

Sema' x-xhieda ta' Kevin Laferla[5];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi kif diġà ġie indikat fir-riassunt magħmul hawn fuq, l-konvenut f'dawn il-proċeduri naqas milli jsegwi d-dettami ta' żewġ regoli kardinali fi proċedimenti quddiem dan it-Tribunal u għalhekk ġie dikjarat li waqgħet fi stat ta' kontumaċjà.

Illi kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti[6].

Illi brevement, ir-riżultanzi fattwali huma s-segwenti.

Illi minn dak li jirriżulta kemm mix-xhieda ta' Kevin Laferla, kif ukoll mid-dokumenti eżebiti, jingħad li s-soċjetá Laferla Insurance Agency Limited kienet ħarġet pagament permezz ta' ċekk lil ċertu David Spiteri meta dan qatt ma kellu jseħħ. Fil-fatt il-pagament kien dovut lil ċertu William Spiteri. Is-soċjetá attriċi ġiet mgħarrfa b'dan mill-istess David Spiteri. Hekk ġara, iżda bi żball it-tieni ċekk verament ġie maħruġ lil ċertu

---

[3] Timbru relattiv *a tergo* ta' fol 13.
[4] Verbal tat-8 ta' Marzu 2022.
[5] Magħmula fis-seduta tas-7 ta' April 2022. Xhieda relattiva tinsab a fol 16 *et seq* tal-proċess.
[6] *Vide* f'dan is-sens dak li seħħ u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Absolute Services Limited vs Stefan Darmenia,** (Appell Ċivili (Inferjuri) Nru: 273/2019/1) deċiża fil-11 ta' Novembru 2020. Wieħed huwa wkoll mistieden r-rakkolta ġurisprudenzjali (u dak hemm deċiż) magħmula fis-sentenza fl-ismijiet **Elmo Insurance Ltd vs Sharon Briffa et**, (Tlb Nru: 86/2020 KCX) mogħtija minn dan it-Tribunal (diversament presedut) nhar is-27 ta' Jannar 2022 (mhux appellata).

William Spiteri iżda dak żbaljat. Kellu jitħallas William Spiteri ta' Popeye Garage u spiċċa tħallas William Spiteri ieħor (ta' Pisa Garage), il-konvenut odjern. Il-pagament kien dovut fir-rigward ta' riparazzjonijiet fuq vettura. Għalkemm il-konvenut ġie avżat diversi drabi b'dan l-iżball il-konvenut qatt ma ħallas lura.

Illi minn dan ir-riassunt jemerġi ċar li l-azzjoni esperita mis-soċjetajiet atturi hija l-hekk imsejjħa *indebitu solutio*[7] li għandha bħala fondament tagħha r-ripetizzjoni ta' ħlas indebitu li jkun seħħ frott ta' żball. F'każ bħal dan huma dejjem l-oneru tal-attur li jipprova[8] l-elementi kumulattivi[9] tal-azzjoni. F'każ li wieħed minn dawn jiġi nieqes allura l-azzjoni ma tistax ħlief tfalli. Ukoll, teżisti distinzjoni sottili bejn din l-azzjoni u dik maħsuba fl-artikolu 1147(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn din tal-aħħar, apparti li trid lir-relazzjoni tkun waħda kuntrattwali, ma tirrikjedix il-prova tal-iżball sabiex tirnexxi[10].

Illi f'dan il-każ it-Tribunal jgħid mingħajr mezzi termini lis-soċjetajiet atturi irnexxilhom jissodisfaw kull element sabiex l-azzjoni tagħhom tirnexxi u b'hekk sejjer jgħaddi sabiex jilqá t-Talba. Strettament f'dawn il-proċeduri l-indebitu huwa wieħed soġġettiv[11], żball dwar il-persuna li f'moħħ id-debituri kienet il-kreditur.

Illi għal dan it-Tribunal ma hemm assolutament l-ebda dubju lill-konvenut aġixxa in *mala fede* u għalhekk għandu jiġi kkundannat mhux biss li jirritorna l-kapital iżda jħallas ukoll l-interessi. Strettament, dawn jibdew jiddekorru mid-data tal-ħlas bi żball, iżda s-soċjetajiet atturi għażlu li jirrestringu din il-parti tat-talba ma l-ewwel

---

[7] Din tinsab kodifikata fl-artikolu 1022 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[8] Fost diversi issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Anthony Refalo et vs Roger Xuereb**, (Avv Nru:6/2006) mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Inferjuri) nhar il-25 ta' Jannar 2008.
[9] Ċelebri fost oħrajn hija s-sentenza fl-ismijiet **Salvatore D'Emanuele vs David Coleiro,** (Ċit Nru: 2718/1996/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-26 ta' April 2010.
[10] Dan ġie riċentement ikkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet **Omar Ellul et vs PKR's Construction Company Limited,** (Rik Maħluf nru:1094/2021 CFS) deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-29 ta' April 2022.
[11] Dik li tissejjaħ *indebitum ex persona accipientis*. F'dan is-sens wieħed jista jirreferi għan-notamenti fuq il-Liġi Ċivili tal-Professur V Caruana Galizia (dwar l-Obbligazzjonijiet) a fol 57.

komunikazzjoni (bil-miktub) tagħhom dwar dan il-fatt mal-konvenut[12]. Irid jingħad lill-*mala fede* tal-konvenut baqgħet tipperdura, tant li wara dik il-komunikazzjoni saret ittra uffiċjali, debitament notifikata, u saħansitra kellhom jinbdew dawn il-proċeduri. Jekk il-konvenut ħaseb li bis-silenzju tiegħu ma kienx sejjer ipatti għaliex kien sejjer jintalab irodd lura biss il-kapital, allura ta' dak jista jgħid biss *imputet sibi.* Wara kollox, dan ma huwa xejn għajr kliem ieħor għal dak li jinsab kodifikat[13].

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi jilqa' t-talba tas-soċjetajiet atturi u għalhekk jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-istess soċjetajiet atturi l-ammont ta' elf, mitejn u disgħa u tletin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€1,239.25c) bl-imgħax kif mitlub mit-18 ta' Jannar 2021 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 776/21[14] jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenut.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[12] Permezz ta' ittra datata 18 ta' Jannar 2021.
[13] Artikolu 1023 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[14] Din l-ittra ġiet eżebita formalment u tinsab a fol 3 tal-proċess.